MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2008

Numru 664/2008

Il-Pulizija
(Sp Anna Marie Micallef u Sp Keith Arnaud)
vs
Lawrence Caruana, iben George, imwieled Pieta’ fit-28 ta’ marzu, 1976
u
Kevin Saliba, iben Saviour, imwieled Pieta’ fl-4 ta’ mejju, 1975

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fis-26 ta’ lulju, 2008 għal habta tas-sitta neqsin kwart ta’ fil-għaxija (1745), fi Triq Tigne’, Sliema –
1. bil-ħsieb li jagħmlu delitt, urew dan il-ħsieb b’atti esterni, billi dolozament bil-ħsieb li jikkometti serq minn ġo vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAN 842, ta’ l-għamla

Peugeot 106, għad-dannu ta' Stephanie Ellul u/jew persuni oħra, taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema tentattiv ta' serq ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, volontarjament ħassru, għarqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamlu ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAN 842, ta' l-għamla Peugeot 106, għad-dannu ta' Stephanie Ellul u/jew persuni oħra, liema ħsara ma tiskorriex l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentesimu (€1,164.69) imma iżjed minn mija u sittax l-euro u sebgħa u erbgħin ċentesimu (€116.47).

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' lulju, 2008 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 41(a), 261(ċ)(g), 267, 271(g), 279(a), 280(1) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputati jew min minnhom jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum. Rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna li kull wieħed mill-imputati jħallas is-somma ta' mija u tmienja u sittin euro (€168) lil Stephanie Ellul danni kawżati fl-imsemmija karozza fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------